Minuti tas-36 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 23 ta' Marzu, 2012.
Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-35 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-35 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

2. **Kwotazzjonijiet.**

2.1 Il-Kunsill tratta diversi kwotazzjonijiet li kienu ppublikati fuq il-Gazzetta tal-Gvern u l-Independent kif ukoll fejn japplika fuq in-newsletter tal-Kunsill il-Pjazza.

**2.2 06/12 – *Printing***
Gew sottomessi zewg kwotazzjonijiet minghand A&M Printing u Gutenberg. Il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni ta' A&M Printing peress li din kienet l-orhos.

**2.3 07/12 - *Accomodation***
Ma kienet sottomessa l-ebda kwotazzjoni. Hawnhekk il-Kunsill qabel illi jitlob kwotazzjoni minghand Gozo Farmhouses ghall-akkomodazzjoni fil-villagg Ta' Sbejha sabiex il-Kunsill ikun jista' jospita lid-delegazzjonijiet tal-gemellagg li ser ikunu prezenti ghal Seher il-Punent taht saqaf wiehed.

**2.4 08/12 – *To operate food and beverage stalls***
Gew sottomessi 3 offerti minghand Joe Louis Caruana ghal Option 3 u minghand Christopher Tabone u Joseph Zammit ghal Option 4. Il-Kunsill accetta dawn l-offerti li jkunu qed jghinu fl-isponsorship ta' Seher il-Punent.

**2.5 09/12 – Sound and light**

Gew sottomessi 5 kwotazzjonijiet minghand Power Sound, Sourcelight, Joe Louis Caruana, Micho Lighting u Jason Mizzi. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel ma l-offerta ta' Joe Louis Caruana peress li din kienet l-irhas offerta.

**2.6 10/12 – Photography and Videography**

Gew sottomessi 3 kwotazzjonijiet minghand Max Xuereb, Reno Rapa u Graziella Ellul. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Graziella Ellul tipprovdi informazzjoni dwar il-kumpanija taghha.

2.6 Gew trattati l-kwotazzjonijiet sottomessi relatati mal-progett tac-Centru Civiku. Is-Sindku spjega illi l-Perit involva lid-designer Eric Mercieca biex ihejji dizinn finali. Gie spjegat li huwa hejja xi pjanti finali li fuqhom inhargu l-kwotazzjonijiet. Il-pjanti bid-dizinn finali gew approvati. Gie spjegat illi Mercieca ser ikun qed jithallas skond ix-xoghol li jaghmel izda mhux aktar mit-treshold ta' ordni diretta. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega illi x-xoghol f'dawn il-kwotazzjonijiet ser ikun qed isir skond il-fondi disponibbli, u ghalkemm qed jigi trattatu mill-Kunsill ma jfissirx li ser isir kollox izda jsir dak l-iktar necessarju u skond il-fondi disponsibbli mis-self mehud ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2.7 01/12 – Gypsum**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand Sammy Azzopardi ghall prezz ta' €4650.00. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-kwotazzjoni.

**2.8 02/12 – PA System, projector u screen**

Gew sottomessi 5 kwotazzjonijiet minghand Cefai Productions, Advanced Telecommunications Systems, Strand Electronics, Jos. Vincenti & Co. u Forestals. Wara li ra l-kwotazzjonijiet il-Kunsill qabel mal-kwotazzjoni ta' Strand Electronics. Ghandu jigi konfermat ma Strand Electronics dwar l-after sales service li joffru, il-garanzija fuq il-prodotti offruti kif ukoll id-ditta u specifikazzjonijiet tat-TV.

**2.9 03/12 – Office Furniture**

Giet sottomessa kwotazzjoni wahda minghand C.Fino & Sons Ltd. ghall-prezz ta' €8142.00. Il-Kunsill hass li din il-kwotazzjoni hija gholja wisq u gie deciz li ghandhom jingabru kwotazzjoni minghand mastrudaxxi lokali.

**2.10 04/12 - Light fittings**

Gew sottomessi 2 kwotazzjonijiet minghand Rapa Showrooms Co. Ltd. b'zewg ghazliet, u X-treme Technologies. Il-Kunsill qabel ma l-irhas kwotazzjoni dik ta' Rapa Showrooms Ltd. Option A.

**2.11 05/12 – Fire extinguishers, fire alarm, intruder alarm, cctvs.**
Gew sottomessi 5 kwotazzjonijiet minghand Alberta, Strand Electronics, Eagle Security Systems, Group 4 u DDS Ltd. Peress li l-irhas kwotazzjoni hija dik ta' Alberta, u l-prezz tal-cable gie moghti *per metre*, il-Kunsill qabel li jitlob lil Alberta jipprovdu kwotazzjoni bit-total ta' cables methiega.

2.12 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-maintenance agreement tal-cameras li kienu stallati mil-progett ta' Wied il-Mielah u qabel li dan ghandu jsir.

2.13 Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandhom jingabru kwotazzjonijiet in relazzjoni mal-progett tac-centru civiku fosthom ghal *podium stainless steel* ghal gos-sala tal-Kunsill, sufan u mejda, bieb tal-faccata, xkaffar ghal librerija u pjanti.

**3. Aggornament dwar xogholijiet u progetti.**

3.1 Gie spjegat illi Triq il-Knisja tqaxxret bhala parti mill-kuntratt tal-PPP u qed titpogga l-kurduna tal-bankini bhala parti mill-kuntratt tal-pavimentar tal-bankini godda fi Triq il-Knisja ta' Sammy Spiteri. Gie spjegat illi hekk kif titlesta l-kurduna ser ikunu qed jimtlew il-bankini u ssir il-gutter tal-konkos li ser issir xi ftit wiesgha sabiex jghaddi l-armar tal-festa go fiha. Gie spjegat illi l-layer tat-tarmak ser tkun ta' 3" imhallat. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 Giet trattata kwotazzjoni ghat-tappieri tal-arbli tal-festa minghand Anton Zarb. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinxtraw.

3.3 Is-Sindku spjega illi Triq Dun Alwig Mizzi ser tkun qed tinghalaq ghal gurnata jew tnejn u l-access ikun minn San Lawrenz ghal dawk ir-residenti li joqoghdu wara l-Knisja u l-hrug jista' jsir minn Triq Sdieri. Dan huwa necessarju sabiex ikun jista' jsir ix-xoghol fuq il-parti tal-*culvert* li taqsam it-triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.4 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-materjal tal-pavimentar tal-Pjazza, il-porfido, li huwa mistenni li jasal f'diversi containers. Ghandu jkun deciz fejn ser jinzamm dan il-materjal. Gie deciz illi l-bankini fil-Pjazza ser isiru bil-porfido sa bi ddrit is-sqaq tas-Sorijiet u mbaghad jibda il-materjal anticato griz li jibqa sejjer matul il-bankini ta' Triq il-Knisja. Il-porfido fil-Pjazza ser jasal sa fejn jasal il-konkos illum. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jinqata' il-haxix mill-ground tal-futbol.

3.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet tal-Gimgha Mqaddsa fejn giet trattata l-ittra tal-Arcipriet dwar purcissjonijiet li ser isiru u dwar talba sabiex il-Pjazza tkun imnaddfa ghal zmien dawn il-festi. Il-Kunsill laqgha din it-talba.

3.7 Il-Kunsill qabel illi wara l-attivitajiet tal-Ghid il-Pjazza ghandha tinghalaq ghal kollox bil-blokki tal-konkos biex l-ebda traffiku ma jkun jista' jghaddi minn fuqha sabiex ikun jista' jinbeda ix-xoghol tal-paving. Gie spjegat illi wara li jkun lest il-pavimentar ikun jinhtieg li ghal perjodu ma jghaddix traffiku minn fuqha. Persuni bil-mixi ikunu jistghu jghaddu. Saret diskussjoni dwar is-sundial li ser isir bhala parti mill-pavimentar tal-Pjazza. Peress li kien deciz illi l-arma tal-kunjomijiet tal-kunsilliera ser tkun imnaqqxa fl-irham tas-sundial, is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jghaddu l-arma taghhom lill-Ufficju Amministrattiv sat-28 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel illi s-sundial ghandu jkun jinkludi *'water feature'* li jikkonsisti f'jet ta' l-ilma.. Il-Kunsill qabel ukoll illi Galea Curmi Ing. Consultants ghandhom ikunu fdati l-aspett tekniku ta' dan il-jet. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar ix-xogholijiet ta' bini ta' hitan tas-sejjieh li ghaddejjin fl-akwati tal-arkata ta' Triq Sdieri bhala parti mill-kuntratt tar-restawr ta' l-istess arkata.

3.9 Lisa Brooke talbet li tkun skuzata u telqet hin 6.35pm.

3.10 Gie spjegat illi b'effett tal-maltempata kbira li saret ftit tal-granet qabel, diversi hitan f'Wied il-Mielah waqghu. Gie spjegat illi bhalma kien deciz fil-laqgha precedenti dawn il-hitan gew imnaddfa minn Nicky Saliba u qed jinbnew. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill huwa marbut illi jrid izomm il-progett fi stat tajjeb ghal 5 snin minn mindu tlesta il-progett. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11 Dwar il-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi x-xogholijiet fuq ir-restawr tal-Knisja mexjin. Dwar il-Kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-kuntrattur ghadu ma bediex u l-konsulent tekniku qed jinsisti mieghu illi x-xogholijiet ghandhom jinbdew jew inkella jigi terminat il-kuntratt. Dwar ir-restawr tas-salib tal-Pjazza gie spjegat illi x-xoghol huwa prevvist li jibda fi ftit granet. Gie spjegat illi l-konsulent tekniku talab emenda fil-permess tal-Mepa ta' San Dimitri u tal-Knisja taz-Zejt minhabba z-zuntier peress li l-porfido ma kienx inkluz fil-permess. Sadanittant qed isir ezercizzju wkoll dwar il-possibilita' li l-porfido jitqieghed ukoll fiz-zona tal-oqbra u mhux fuq iz-zuntier biss.

3.12 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-twessigh tal-parti d-dejqa fi Triq il-Knisja minn hdejn il-garaxx ta' Tony Camilleri sa hdejn kantuniera mal-post ta' Tarcisja Grima, fejn is-Sindku spjega illi sidien l-eghlieqi accettaw u qed jaghtu l-permess lill-Kunsill biex titwessa t-triq. Gie spjegat illi mhux ser issir esproprjazzjoni izda ftehim mas-sidien. Gie spjegat illi l-Perit qed jara kif triq tigi il-linja tat-triq. Il-Kunsill qabel unanimament illi t-triq ghandha titwessgha.

3.13 Is-Sindku spjega illi huwa ikkuntattja wkoll lil sid l-ghalqa fil-parti d-dejqa faccata tal-forn fi Triq il-Knisja izda dan ma accettax.

3.14 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' tal-Ghid ghat-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi l-attivita' ghandha ssir il-Hadd filoghdu wara l-quddiesa ta' 8.30am jew 10.00am. Is-Sindku spjega illi ghal darba ohra il-bajd tal-Ghid qed ikun pprovdut minn La Suissa, kumpanija ta' cittadin mill-komunita' gemellata tal-Comunita' Collinare Colli Tortonesi. Gie spjegat illi din is-sena il-Kunsill gie mitlub jipprovdi t-transport li jammonta ghal €180. Il-Kunsill qabel unanimament u li ghandha tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lid-donatur.

**4. Progett M313.**

4.1 Giet diskussa il-proposta ta' adventure park fi Triq Tumas Cassar kemm 'il darba jinkiseb il-finanzjament mehtieg. Gew prezentati u diskussi pjanti preliminari ta' din il-proposta. Is-Sindku spjega illi jekk il-Kunsill irid imexxi din il-proposta jinhtieg illi issir emenda fl-applikazzjoni tal-Mepa u tinqaleb minn *outline* ghal *full development application*. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Is-Sindku ppropona illi ghandha tinhareg offerta ghas-soft areas. Il-Kunsill iddiskuta il-Pjanti mdendla fil-pjazza u li dawn ghandhom jitrangaw ghal Seher il-Punent.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar sigar fit-triq mar-residenza Victoriam Triq il-Knisja li huma ta' ostaklu. Peress li trid issir il-bankina, il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mas-sid. Il-Sindku spjega illi kien hemm persuna fi Triq Trux li wkoll kellha pots bil-pjanti fuq il-bankina u li lmentat ghax dawn tnehhew izda instab kompromess.

**5. Zebra crossing fi Triq l-Gharb u Triq il-Vizitazzjoni.**

5.1 Il-Kunsill qabel li ssir talba lil Transport Malta biex issir zebra crossing fi Triq l-Gharb. Il-Kunsill qabel li jitlob lil TM li din isirulha il-pelican lights min naha ta' Transport Malta.

5.2 Is-Sindku ippropona illi bhala parti mill-progett tac-Centru Civiku ghandhom jitnehhew il-cables li qed jaqsmu t-triq ghal mal-faccata tal-Kunsill u ta' l-iskola u jsiru minn taht l-art. Emanuel Muscat staqsa jekk l-Enemalta hux ser tithallas tad-devjazzjoni tal-linji mill-ajru ghal taht l-art fejn is-Sindku spjega illi l-Enemalta mhux ser tithallas. Il-Kunsill qabel li l-Perit ghandu jintalab jaghmel stima ta' kemm tiswa' din il-bicca xoghol bir-rati tal-kuntratt tac-centru civiku. Is-Sindku spjega illi l-Ministeru ghal Ghawdex ser ikunu qed jaghtu xi ghajnuna peress li s-shifting tal-metre tad-dawl tal-iskola qed isir fuq talba tal-Edukazzjoni. Il-Kunsill qabel li l-materja tkun diskussa mill-gdid meta jkun hemm l-istima tal-Perit.

**6. Seher il-Punent.**

6.1 indku spjega il-programm ta' attivitajiet proposti ghal Seher il-Punent. Il-Gimgha filoghdu ser issir konferenza taht il-kappa tal-progett Obimed gewwa s-sala l-gdida tac-c-Centru Civiku. Gie spjegat illi waqt il-konferenza jekk ikun possibbli ser jigu attivati il-kiosks li ser ikunu stallati gewwa Sqallija. Ser isir *lunch time concert* fil-Knisja Parrokkjali bhala parti mill-festival Gaulitana. Filghaxija ser tinzamm l-ikla tradizzjonali bis-sehem u l-parecipazzjoni tal-gruppi tal-gemellagg u l-band ta' Spiro Sillato.

6.2 Il-Kunsill qabel li jinkariga lill-Kumitat Festi Esterni jarmaw xi dekorazzjonijiet tal-festa ghal waqt il-festival. Ta' dan is-servizz il-Kunsill qabel li jhallas €800.00.

6.3 Is-Sibt filoghdu ser isiru il-cultural walking tours. Filghaxija ser ikun qed isir il-fireworks festival bhala parti mis-simpozju internazzjonali tan-nar li ser ikun qed isir gewwa Malta f'dawn il-granet. Gie spjegat illi dan ser ikun qed isir ghas-spejjez tal-MTA. Huwa mistenni li numru ta' barranin jattendu ghal dan l-ispettaklu ta' loghob tan-nar u l-Kunsill irid jiehu hsieb jikkoordina l-ikla ta' filghaxija ghall-grupp. Ser isir kuncert live 70s 80s 90s mill-Banda Vizitazzjoni flimkien ma xi kantanti li ser jaghtu performance waqt il-kuncert. Waqt is-serata ser jiehdu sehem ukoll xi grupp tal-Karnival Ghawdxin. Huwa mistenni illi s-serata tas-Sibt tinghalaq b'kuncert min New Cuori li mistenni jiswa €1700.00.

6.4 Dwar il-Hadd filoghdu ser isiru xi reenactments mill-In Guardia tal-MTA jew mix-Xaghra Historical Reenactment Association. Issir l-attivita' tal-gbejna. Esebizzjoni u get together tal-muturi. Wara Nofsinhar ser ikun karatterizzat bi sfilata ta' zfin minn gruppi tal-Karnival Maltin.

6.5 Gie spjegat illi l-gruppi tal-gemellagg intalbu jippreparaw stand bi prodotti u divertiment tipiku kif ukoll biex jiehdu sehem permezz ta' grupp fit-tug of war.

6.6 Il-Kunsill iddiskuta fejn ser issir l-attivita' biex tkun ta' l-inqas inkonvenjent ghar-residenti, bi proposti li din issir fil-pjazzetta jew inkella li l-ispeakers jintramaw in-naha tal-muzew tal-folklore.

6.7 Il-Kunsill qabel illi l-Hadd filghaxija ghandu jsir spettaklu mill-kast tal-programm televiziv Déjà vu.

6.8 Il-Kunsill qabel li l-attivita' tat-tug of war ghandha ssir il-Gimgha u l-Hadd. Il-Kunsill qabel li l-premjijiet ghandhom ikunu maqsuma kif gej: €1200 l-ewwel premju, €300 it-tieni premju u €200 it-tielet premju. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinhatar Louis Apap sabiex tikkoordina il-loghba.

7. **Pjan ta' Hidma 2012-2014.**
   Il-Kunsill qabel li ghandu jigi rivedut il-pjan ta' hidma biex jirrifletti aktar is-sitwazzjoni attwali tal-progetti li hemm inkluzi gewwa fih.

8. **Skeda ta' pagamenti.**

8.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti. Fir-rigward tal-hlas ta' €37,568.48 lil Mario Formosa bhala Interim Payment 2 fuq il-progett tac-Centru Civiku gie spjegat illi dan huwa l-bilanc tal-ammont ta' kontijiet iccertifikat li hareg sa issa il-Perit tal-Kunsill u li jinkludi il-€15,000 hlas bejn kont li sar ricentment lill-kuntrattur fejn il-Kunsillieri kienu notifikati bit-telefon.

9. **Korrispondenza u materji ohra.**

9.1 Gie spjegat illi l-Pjazza ser tkun qed tinghata il-bazi tal-konkos l-ghada tal-laqgha.

9.2 Minghand Andrew Vassallo fir-rigward ta' invit ghal-dimostrazzjoni tal-prodotti ta' patching offruti mill-kumpanija. Il-Kunsill qabel li ser jattendi il-Kunsillier Emanuel Muscat.

9.3 Minghand Gozo Express Services fir-rigward ta' kwotazzjoni ghat-trasportazzjoni ta' Bajd ta' l-Ghid. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

9.4 Minghand Colin Attard fir-rigward tal-festival Gaulitana. Il-Kunsill qabel li jospita lunch time concert fis-27 ta' April, 2012.

9.5 Minghand Mark Musu Dipartiment tas-Servizzi Socjali fir-rigward ta' proposta' li Servizzi tas-Sigurta' Socjali jibdew jigu offruti mic-Centru Civiku ta' l-Gharb. Il-Kunsill qabel unanimament peress li dan ikun servizz addizzjonali offrut mill-Kunsill.

9.6 Minghand Perit Edward Scerri korrispondenza mal-Mepa u mal-kuntrattur dwar il-progett M323 restawr tal-Knisja taz-Zejt.

9.7 Lista' ta' bozoz/fanali mitfija imhejjija mill-Vici Sindku Raymond Cassar. Ser tittiehed l-azzjoni mehtiega biex jissewwew dawn il-bozoz.

9.8 Minghand Simone Mousu' Kwestjonarju lill-Kunsilliera sabiex ikunu ta' ghajnuna ghall-istudji li qeghda taghmel fl-Universita' ta'Malta. Kopja tal-kwestjonarju inghatat lil kull kunsillier.

9.9 Minghand Wise Owl fir-rigward ta' skont fil-bejgh ta' kotba.

9.10 Mill-Maltapost plc dwar website gdida tal-Philatelic Bureau u servizzi ta' kurrier bejn Malta u Ghawdex.

9.11 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
PA5609/07 – To construct a multi-facility sports campus – Final Reminder. Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp – PA483/12, PA469/12, PA414/12, PA211/12, PA239/12 u PA265/12. PA5/12 – To restore the Basilica – Notification of MEPA's Report to the Environment and Planning Review Tribunal. Avviz ta' Infurzar - ECF20/12.

9.12 Minghand il-Ministru ghat-Turizmu, l-Kultura u l-Ambjent fir-rigward ta' kopja tal-*Final Draft of the National Environment Policy*.

9.13 Minghand TCTC fir-rigward ta' Progetti godda ghat-tfal ghas-Sajf 2012.

9.14 Mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Memo 90/2011 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012 fejn il-Kunsill gie mgharraf illi l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal attivitajiet sportivi ghat-tfal, walking bus u fitness classes ghall-adulti giet approvata.

9.15 Mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fir-rigward ta' lista ta' persuni li jgawdu minn immunita' diplomatika u privileggi ohra.

9.16 Mill-Enemalta Corporation fir-rigward ta' lista ta' applikazzjonijiet li qeghdin jigu processati fl-ufficini tal-ARMS.

9.17 Minghand BizGifts fir-rigward ta' materjal ta' promozzjoni li toffri l-kumpanija.

9.18 Mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali fir-rigward ta' Measure 323 – Gharb's Cultural and Touristic Conservation Project, approvazzjoni biex fondi mfaddla jintuzaw ghar-restawr tal-Pjazza Zjara tal-Madonna.

9.19 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-proposta li jigi organizzat kors tac-cherry picker. Gie diskuss il-fatt illi numru ta' studenti ikkancellaw l-applikazzjoni taghhom u ghalhekk il-Kunsill qabel li mhuwiex possibbli illi dan il-kors isir.

9.20 Il-laqgha spiccat hin 8.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv